# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum id-19 ta' Novembru 2019**

Appell numru 165 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**John DYER**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Ġunju 2019 fil-konfront ta' John DYER, karta tal-identità bin-numru 542458M li ġie mixli:

    Talli nhar it-13 ta' Mejju 2017 għall-ħabta ta' 03:20 hrs bil-vettura WGY 113 ġewwa Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar:

    1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
    2. Naqas jew irrifjuta li jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina;
    3. Bħala persuna volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat il-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15A (1), Kap 65 Section 15 (E), Kap 9, Artiklu 338 (dd).

Semgħet ix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i.

Il-prosekuzzjoni tiddikjara li qed tagħlaq il-provi.

L-imputat għażel li ma jixhidx.

Peress illi għalhekk l-akkużi kif imressqa jirriżultaw ippruvati.

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa komplessiva t'elfejn euro (€2000) u ssospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal żmien tliet xhur u ai termini tar-regolament 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

4. Illi minn din is-sentenza John DYER interpona appell permezz ta' rikors datat 14 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull akkuża u ħtija. Dan wara li saħaq is-segwenti:-

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Jgħid li qatt ma ġie notifikat fiż-żmien;

Illi fit-tieni lok waqt is-smigħ tal-kawża ġiet ippreżentata karta jew folja li fuqha kien hemm indikat li l-esponenti kien irrifjuta li jippreżenta ruħu għal breathalyser test; illi dan huwa l-qofol tal-appell. Waqt is-smigħ tal-kawża l-esponenti talab l-isfilz ta' dan iċ-chit għax ma kinitx ġiet ippreżentata bil-ġurament u minn min għamel dan iċ-chit. Huwa prinċipju importanti li quddiem il-Qorti Kriminali trid tinġieb l-aħjar prova u l-prosekuzzjoni kienet mankanti minn din il-prova tant li rrenda din il-prova nulla u bla effett;

Illi fit-tielet lok il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova sabiex iġġib il-prova tal-identità quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema prova hija totalment mankanti u lanqas xhud wieħed ma ttella' sabiex jidentifika lill-imputat jekk huwa l-istess wieħed li kien qiegħed isuq il-vettura.

Illi fir-raba' lok is-sentenza hija mankanti serjament minn motivazzjoni. L-ewwel Onorabbli Qorti ma tiġġustifikax id-deċiżjoni tagħha u lanqas ma timmotivaha.

***Ikkunsidrat:-***

5. Illi għal dak li jirrigwarda l-fattispeċi ta' dan il-każ irriżulta illi nhar it-13 ta' Mejju 2017 għall-ħabta tat-03:20, il-Pulizija li kienu fl-Għassa tal-Qawra semgħu mużika qawwija ħafna minn barra l-Għassa fi Triq it-Turisti. Kif l-Aġenti tal-Pulizija ħarġu jiċċekjaw minn fejn kien ġej dan il-ħoss, irriżulta li din il-mużika kienet ġejja minn vettura tal-għamla Jaguar ta' lewn griż bin-numru tar-reġistrazzjoni WGY113. Il-Pulizija avviċinaw lis-sewwieq li rriżulta li kien l-appellant, fejn kif kellmuħ biex isaqsuħ dwar il-mużika għolja li kienet qed tindaqq innutaw li kellu riħa qawwija ta' xorb. Fuq suspett li seta' kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb, ordnawlu joħroġ mill-vettura tiegħu u jakkumpanjhom l-Għassa sabiex isirlu t-test tan-nifs. Wara li Dyer ġie mwissi dwar id-

drittijiet tiegħu u l-konsegwenzi dwar ir-rifjut li jieħu dan it-test, huwa għażel li ma jagħmilx dan it-test u ffirma l-irċevuta tar-rifjut. Konsegwentement inħarġu l-imputazzjonijiet kontra tiegħu.

6. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony***

11. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[4].

12. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

***Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

13. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

***Kunsiderazzjonijiet ta' dritt:***

15. Illi l-ewwel aggravju huwa li l-azzjoni kontra tiegħu hija preskritta peress illi hu qatt ma ġie notifikat fit-terminu stipulat skond il-liġi. Issa l-appellant jinstab mixli bir-reati bi ksur tal-artikoli 15A u 15E

---

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma nġiebet ebda prova li għall-imputat appellant din kienet it-tieni kundanna jew aktar. B'hekk il-pieni applikabbli għal dawn ir-reati dak iż-żmien meta seħħ il-każ kienu ta' multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew alternattivament il-pieni ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Dan minbarra li mixli wkoll bir-reat kontravenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.

16. Illi skont l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, it-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli fil-każ tal-imputazzjonijiet taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ta' sentejn; filwaqt li dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ta' natura kontravenzjonali, skond l-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali l-perjodu preskrittiv huwa dak ta' tliet xhur.

17. L-allegat inċident seħħ fit-**<u>13 ta' Mejju 2017</u>**. Ir-reati huma ta' natura istantanea u kunsmata. Biex jiġi determinat l-aggravju tal-preskrizzjoni huwa meħtieġ li ssir analiżi ta' xi provi kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati relattivament għal meta setgħet tikkunsidra li ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lill-imputat appellant f'dan il-każ.

18. A folio 4 hemm iċ-ċertifikat tan-notifika numru 2313 datat 27 ta' Lulju 2017. Dan iċ-ċertifikat **<u>ma ġiex</u>** imqassam lill-John Dyer fl-indirizz 22, Triq Joseph Stivala, Paola. Ir-referta negattiva hija datata 18 t'Awissu 2017 u t-tentattiv ta' notifika sar fis-17 t'Awissu

2017. **Qabel dik il-ġurnata ma jirriżulta li hemm ebda referta tal-imputat appellant**. Skont in-notamenti mniżla fuq dan iċ-ċertifikat ta' notifika negattiva, l-Uffiċjal inkarigat kiteb kliem fis-sens li s-sid il-ġdid (wieħed jifhem tal-fond li fih mar jipprova jagħmel in-notifika) mar jirraporta lil Pulizija u lil Ministeru tal-Intern sabiex jara għaliex kien qiegħed jirċievi korrispondenza fir-residenza tiegħu "*but they didn't give him his address*".[7]

19. A fol 6 pero jirriżulta li hemm kopja mhux awtentikata, t'estratt mill-ġurnal *The Malta Independent* datata 2 t'Awissu 2017 minn fejn jirriżulta li ġie inkluż l-isem ta' John Dyer 542458M u wara ismu hemm sunt tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih bl-ilsien ingliż

---

[7] Skont ir-regolament 14.(1) :

> l-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jikkompila ċertifikat ta' notifika li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha tkun saret in-notifika u, jekk it-taħrika ma tkunxġiet notifikata direttament lill-persuna li lilha n-notifika suppostsaret, l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha l-kunsinna tat-taħrika tkun saret. L-uffiċjal għandu wkoll iniżżel il-post fejn it-taħrikaġiet notifikata, u d-data u l-ħin meta t-taħrika ġiet notifikata:
>
> Iżda jekk il-persuna tirrifjuta li taċċetta t-taħrika skont ir-regolament 5 l-uffiċjal għandu jniżżel wkoll dan il-fatt flimkien maċ-ċirkostanzi tar-rifjut, fuq iċ-ċertifikat tan-notifika:
>
> Iżda, jekk in-notifika ssir skont ir-regolament 8(1)(b) għandu jkun biżżejjed jekk l-uffiċjal, fuq iċ-ċertifikat ta' notifika,jikteb u jikkonferma l-post, il-jum u ż-żmien li huwa pprovajinnotifika:
>
> Iżda wkoll jekk tkun saret il-kunsinna tal-att ġudizzjarju,fir-rigward ta' persuna f'wieħed mill-postijiet msemmija fir-regolament 4(1)(b) u, fir-rigward ta' korp magħqud jew mhuxmagħqud f'wieħed mill-postijiet msemmija ir-regolament 5(a) jew(b), il-persuna li lilha t-taħrika tkun saret il-kunsinna tirrifjuta millitidentifika lilha nnifisha, u l-uffiċjal inkarigat bin-notifika jkunsodisfatt li l-persuna li qed tirrifjuta li tirċievi u, jew li tidentifika ruħha hija maġġorenni u mentalment kapaċi, għandu jkun biżżejjed jekk, fuq iċ-ċertifikat ta' notifika, l-uffiċjal iniżżel il-fatti tal-każ,id-data u l-ħin meta tkun saret in-notifika u l-post fejn saret in-notifika:
>
> Iżda fl-aħħarnett għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, il-kunsinna skont ir-regolament 5(b) għandha tkun limitata għall-proċedura stipulata fir-regolament 4(1)(b).
>
> (2) L-uffiċjal inkarigat bin-notifika tat-taħrika jista' wkoll, fuq iċ-ċertifikat tan-notifika, jniżżel kull rimarka rilevanti oħra.

F'dan il-każ ma hemm ebda indikazzjoni dwar jekk l-uffiċjal inkarigat wettaqx xi wieħed mid-doveri legali tiegħu kif imsemmija f'dan ir-regolament.

flimkien mad-data tas-seduta tat-Traffiku fl-20/02/2018 10:30 quddiem il-Maġistrat Dr. F. Depasquale.

20. A fol 6a hemm imbagħad kopja t'estratt mir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali maħruġ **f'April 2019** iżda b'riferenza għas-seduta li kellha ssir fl-**20 ta' Frar 2018** fl-10:30 każ numru 18. Minn din il-kopja jirriżulta li John Dyer ID numru 542458M kien reġistrat fil-fond 22, Triq Joseph Stivala, Paola. A fol 6b hemm imbagħad kopja identika tad-dokument imsemmi a fol 6a.

21. A fol 7 hemm verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2018 mnejn jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkunsidrat li l-imputat appellant kien debitament notifikat bid-data tas-seduta. L-imputat ma kienx deher għal dik l-udjenza u ġie verbalizzat li ġiet eżebita riferta "*pożittiva*". Il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Ġunju 2018 fid-0900 u l-Qorti ħarġet mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat appellant.

22. A fol 7a jirriżulta ċertifikat ta' nuqqas t'eżekuzzjoni ta' mandat, mingħajr data, fil-konfront ta' John Dyer ID numru 542458M fl-indirizz fejn kellu jiġi eżegwit il-mandat ikun il-fond 22, Triq Joseph Stivala, Paola. PS518 irraporta lil Qorti li f'dak l-indirizz fil-preżent kien hemm ċertu Eric Bonnett li kien ilu jirrisjedi hemm għal madwar seba' jew tminn snin. Bonnett kien ukoll għamel ilment mad-Dipartiment tal-Ġustizzja bin-numru Ref DCV2/2011 fil-25 ta' Novembru 2011.

23. A fol 9 hemm verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 fejn irriżulta li l-imputat baqa' ma deherx u ġiet preżentata riferta "*pożittiva*". Il-

Qorti rat li fl-indirizz fejn il-Pulizija mar biex jeżegwixxi l-mandat ma kien fetaħlu ħadd. Fil-fatt a fol 10 hemm iċ-ċertifikat ta' nuqqas t'eżekuzzjoni tal-mandat miktub minn PS827. Il-kawża ġiet differita għas-6 ta' Novembru 2018 bil-mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat appellant jibqa' fis-seħħ.

24. A fol 11 hemm verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 fejn irriżulta li l-imputat baqa' ma deherx u ġiet preżentata riferta "*pożittiva*". Il-Qorti rat li fl-indirizz fejn il-Pulizija mar biex jeżegwixxi l-mandat fil-5 ta' Novembru 2018, din id-darba fil-fond 82, Triq San Tumas, il-Ħamrun, ma kien fetaħlu ħadd. Fil-fatt a fol 12 hemm iċ-ċertifikat ta' nuqqas t'eżekuzzjoni tal-mandat miktub minn PS92. Il-kawża ġiet differita għas-26 ta' Frar 2019 bil-mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat appellant jibqa' fis-seħħ.

25. A fol 13 hemm skambju *t'emails* mibgħuta mill-*Court Assistant* tal-Qorti tal-Maġistrati lill-*help desk* tal-aġenzija li twettaq in-notifiki. Ċerta Althea infurmat lill-*Court Assistant* Pace li l-*abstracts* għal dan il-każ ma kienux jiġu stampati peress li "*they were all delivered*"!

26. A fol 14 hemm verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2019 fejn irriżulta li l-imputat baqa' ma deherx u ġiet preżentata riferta "*pożittiva*". Il-Qorti rat li fl-indirizz fejn il-Pulizija mar biex jeżegwixxi l-mandat ċjoe fil-fond 82, Triq San Tumas, il-Ħamrun, kien hemm "*no reply*". Fil-fatt a fol 12 hemm iċ-ċertifikat ta' nuqqas t'eżekuzzjoni tal-mandat miktub minn PS991. Il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Ġunju 2019 bil-mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat appellant jibqa' fis-seħħ.

27. A fol 18 hemm il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019 fejn jirriżulta li dakinhar l-imputat appellant **deher** għas-seduta assistit minn Dr. Martin Fenech. Huwa kkontesta l-kawża u eventwalment ġie misjub ħati kif imsemmi aktar il-fuq.

28. Issa kwantu għal dak li jirrigwarda n-notifika tal-atti ġudizzjarji, f'dan il-każ kienet applikabbli l-proċedura ta' notifika stabbilita bl-Avviż Legali 335 tal-2014.

29. Ma jirriżultax li n-notifika taċ-ċitazzjoni saret bil-proċedura stabbilita bir-regolament numru 4 in kwantu l-imputat appellant ma setgħax jiġi misjub personalment.[8] Dan jidher miċ-ċertifikat ta' notifika negattiva li jinsab eżebit fl-atti. Ma hemm ebda prova li fuqha l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tikkonkludi li xi uffiċjal adett minn notifiki kien ħalla dik iċ-ċitazzjoni fl-indirizz postali jew fl-

[8] 4.(1) In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:
(a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew
(b) billi titħalla fl-indirizz postal jew fl-aħħar indirizz reġistrat ta' dik il-persuna; jew
(ċ) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:

Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar:

Iżda wkoll in-notifika skont il-paragrafu (ċ) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' persuna fis-servizz jew fl-impjieg tagħha, jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta f'isimha:

Iżda wkoll l-ebda taħrika ma għandha titħalla ma' persunitaħt l-età ta' erbatax-il sena, jew ma' xi persuna li, għal raġunijietta' mard tal-moħħ, ma tistax tixhed rigward dik in-notifika, u dikil-persuna għandha tiġi preżunta li tkun kapaċi tagħti xiehda sakemmma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

(2) L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta'irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijafil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkunwaslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persunatidher quddiem il-Qorti.

aħħar indirizz reġistrat jew fuq il-post tax-xogħol jew negozju tal-imputat appellant. Iċ-ċertifikat tan-notifika a tergo ta' fol 4 juri li meta sar it-tentattiv tan-notifika kien fis-**<u>17 t'Awissu 2017</u>** fid-0900 jiġifieri meta l-perjodu preskrittiv għall-fini tar-reat kontravvenzjonali kien diġa skada. Biss aktar minn hekk ma jirriżultax li kien hemm xi tentattiv ta' notifika qabel għal dan. L-anqas ma jirriżulta kemm il-tentattiv ta' notifika saret lill-imputat appellant.

30.Jirriżulta pero li xi ħadd kien ħa d-deċiżjoni li l-imputat appellant jiġi notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont ir-regolament 8 tal-Avviż Legali. Issa meta ġiet biex tiġi adoperata din il-proċedura, mill-atti ma jirriżultawx provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt din il-proċedura ġiet segwita kif imsemmi fl-Avviż Legali.

31.Il-fond li fih l-imputat appellant deher li kien reġistrat kien 22, Triq Joseph Stivala, Paola. Dan jirriżulta mhux biss mill-NPS eżebit fl-atti u stamoat fl-14 ta' Frar 2018 minn PC466, iżda wkoll mid-dokumenti eżebiti a fol 6a u 6b, li għalkemm jirreferu għad-data tas-seduta tal-20 ta' Frar 2018 jagħmlu riferenza għar-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali maħruġ f'April 2019. Dan juri liema kien l-aħħar indirizz reġistrat għall-fini ta' dan l-Avviż Legali.[9] Apparti minn hekk jirriżulta li l-Prosekuzzjoni kellha indikazzjoni dwar il-fatt li l-

[9] Fir-rigward ta' persuna li tidher fl-aħħar Reġistru Elettorali maħruġ, l-indirizz li jidher għal dik il-persuna, u fir-rigward ta' persuni li ma jidhrux fl-aħħar Reġistru Elettorali maħruġ, l-indirizz li jidher għal dawk il-persuni fl-aħħar Reġistru Elettorali fejn ikun jidher isem dik il-persuna.

imputat appellant kellu indirizz li kien reġistrat u ma kienx każ fejn l-indirizz tal-imputat appellant ma kienx magħruf minnhom.

32. Verament li minkejja li l-Prosekuzzjoni kellha indikazzjoni dwar l-aħħar indirizz reġistrat tal-imputat appellant, huwa ma ġiex notifikat in kwantu ma nstabx f'dak l-indirizz. Minn dak miktub fuq it-tergo ta' fol 4 mhux ċar jekk l-uffiċjal inkarigat minn notifika qiesx dan il-każ bħala każ ta' rifjut t'aċċettazzjoni ta' notifika; iżda l-fatt li jirriżulta li ntużat il-proċedura tal-pubblikazzjoni imsemmija fir-regolament 8 tal-Avviż Legali jagħti x'jifhem li dan ġie meqjuż każ ta' nuqqas t'aċċettazzjoni ta' notifika, minkejja li kitba espressa dwar dan ma hemmx fuq iċ-ċertifikat tan-notifika.

33. Issa biex din il-proċedura setgħet issir, riedu jiġu osservati r-rekwiżiti tal-istess Avviż Legali. Ir-regolament 7 jgħid hekk : -

> Meta persuna li lilha ġie indirizzat att ġudizzjarju, jew persuna li hija obbligata taċċetta notifika f'isem il-persuna li għaliha ġie indirizzat l-att ġudizzjarju, tirrifjuta li tirċievih personalment mingħand uffiċjal inkarigat bin-notifika tal-att ġudizzjarju, dan l-uffiċjal għandu jħalli l-att ġudizzjarju viċin kemm raġonevolment possibbli ħdejn il-persuna li tirrifjuta li taċċetta l-att ġudizzjarju u l-persuna li għaliha l-att ġudizzjarju huwa indirizzat għandha titqies bħala li ġiet notifikata b'mod regolari fil-jum u l-ħin tar-rifjut tan-notifika.

34. F'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm dan ir-rifjut dirett mill-imputat appellant in kwantu ċ-ċertifikat ta' referta ma jsemmix dan. Anzi ċ-ċertifikat eżebit a fol 4 jispjega li fl-aħħar indirizz reġistrat tal-imputat appellant kien hemm terza persuna li kienet tirrisjedi hemmhekk – għalkemm ma hemmx imsemmi l-identita ta' din il-persuna. Indikazzjoni aktar ċara hija mogħtija a fol 7a minn PS518 li meta mar jipprova jeżegwixxi l-mandat t'arrest mingħajr suċċess

f'dak l-indirizz jgħid li r-resident f'dik id-dar kien ċertu Eric Bonnett. Ma hemm ebda indikazzjoni li f'dan il-każ kien applikabbli jew ġew applikati d-disposizzjonijiet tar-regolament 7 tal-Avviż Legali *de quo*.

35. Mill-banda l-oħra r-regolament 8 tal-istess Avviż Legali jgħid hekk:

> (1)(a) Fil-każ li mat-tieni tentattiv li tiġi notifikata l-persuna, in-notifika tal-att ġudizzjajru ma tistax issir skont ir-regolamenti 4 u 5, l-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew iwaħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat:
>
> Iżda l-uffiċjal ma jistax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal.
>
> (b) Barra minn hekk estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wieħed mill-ġurnali ta' kuljum, liema estratti għandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta' min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta' fejn ser isir is-seduta, id-data u l-ħin ta' fejn ser issir is-seduta u l-akkużi:
>
> Iżda, jekk l-aħħar indirizz reġistrat ma jkunx magħruf, għandu jkun biżżejjed u persuna għandha titiqies bħala notifikata, jekk l-estratti tal-att ġudizzjajru jiġu ppubblikati skont il-paragrafu (b).
>
> (2) L-uffiċjal li jwettaq in-notifika skont is-subregolament (1)(a) u (b) għandu jikkompila ċertifikat ta' notifika skont ir-regolament 14.
>
> (3) Kopji tal-estratti ppubblikati kif meħtieġ bil-proviso għas-subregolament (1)(b) għandhom jiġu eżibiti quddiem il-Qorti mill-Uffiċjal tal-Prosekuzzjoni u dan il-fatt għandu jitniżżel fil-proċeduri tal-Qorti.

36. Mill-provi prodotti ma jirriżultax kemm il-tentattiv ta' notifika saret lill-imputat appellant. Mhux possibbli għal din il-Qorti tgħid biċ-ċert li kien hemm almenu żewġ tentattivi ta' notifika skont ir-regolament 4 kif preskritt bir-regolament 8. Stando ma dak miktub

a tergo ta' fol 4 mill-uffiċjal inkarigat minn notifika, l-anqas ma jirriżulta li dan l-uffiċjal ħalla t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew li waħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat. L-anqas ma jirriżulta li dan l-uffiċjal xehed fl-atti. Biss skont l-Avviż Legali dan l-uffiċjal ma setax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat <u>sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal</u>. Prova li kienu saru dawn it-tentattivi ulterjuri ma hemmx.

37. Il-problema tan-notifika valida f'dan il-każ għalhekk hija aktar komplessa, għaliex minbarra dak imsemmi aktar il-fuq, kien meħtieġ li jitwettaq pass ieħor li huwa previst bir-regolament 8(1)(b) tal-Avviż Legali. Minbarra li l-att ġudizzjarju jrid jitħalla fl-aħħar indirizz reġistrat jew jitwaħħal mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat, l-istess att imbagħad irid ukoll jiġi pubblikat skont ir-regolament 8(1)(b) tal-Avviż Legali. Dawn ir-rekwiżiti huma kumulattivi in kwantu dan is-subregolament 8(1)(b) jgħid li **<u>barra minn hekk</u>** estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wieħed mill-ġurnali ta' kuljum. Din l-espressjoni ma tipprovdix alternattiva; iżda għall-kuntrarju turi li l-pubblikazzjoni trid issir **<u>flimkien</u>** mal-affissjoni jew tħollija tal-att ġudizzjarju fir-residenza tal-imputat. F'dan il-każ ma hemmx provi li juru li din il-proċedura ġiet eżegwita flimkien mal-affissjoni jew tħollija tal-att ġudizzjarju. L-anqas ma jirriżulta li ġew osservati r-rekwiżiti kollha li setgħu iwaslu għall-applikazzjoni ta' din il-forma ta' notifika. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li l-proċedura ta' notifika ġiet imwetqa skont il-Liġi. U l-prova tal-pubblikazzjoni

waħdeha mhix biżżejjed biex tissodisfa l-vot kumulattiv tal-Liġi li jrid jintwera' li twettaq f'kull każ.

38. Apparti minn hekk l-anqas ma jirriżulta li kien applikabbli għal dan il-każ il-proviso għar-regolament 8(1)(b) tal-Avviż Legali in kwantu, kif intqal aktar il-fuq, skont il-provi li tresqu fl-atti l-aħħar indirizz reġistrat tal-imputat appellant kien magħruf f'dan il-każ. Il-problema kienet li ma kienx qiegħed jinstab fih. Jekk ma kienx qiegħed jinstab fih għal diversi drabi,[10] kellhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex l-imputat appellant jinqata' mir-Reġistru bħala li l-aħħar indirizz ta' residenza tiegħu kien dak l-istess fond f'Paola. Dan kien imbagħad iwassal għal sitwazzjoni fejn l-imputat appellant ma kienx ikun meqjuż residenti f'dak l-aħħar indirizz reġistrat u jiġi allura bħala persuna li l-aħħar indirizz reġistrat tagħha ma jkunx magħruf. F'dak il-każ imbagħad ikun leċitu li jiġi imwettaq il-proviso għar-regolament 8(1)(b) tal-Avviż Legali b'mod li jekk l-aħħar indirizz reġistrat ma jkunx magħruf, għandu jkun biżżejjed u persuna għandha titiqies bħala notifikata, jekk l-estratti tal-att ġudizzjajru jiġu ppubblikati skont il-paragrafu (b). F'dan il-każ pero ma ġarax hekk u allura l-applikazzjoni ta' dan il-proviso waħdu ma kienx biżżejjed biex il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal tikkonkludi li bl-applikazzjoni tiegħu biss kienet ritenibbli segwita b'mod sħiħ il-proċedura tan-notifika b'mod oġġettiv.

[10] U skont dak imsemmi fiċ-ċertifikat tan-notifika a tergo ta' fol 4 u wkoll iċ-ċertifikat ta' nuqqas t'eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest a fol 7a jirriżulta li Eric Bonnett kien ilu sa' mill-2011 jilmenta dwar notifiki li kienu qegħdin jaslulu f'daru iżda li ma kienux riferiti għalih.

39. Anke jekk, pero, għall-grazzja tal-argument, il-Liġi ġiet segwita kelma b'kelma, fil-proċess ma hemmx provi li juru li dan fil-fatt seħħ. Din il-Qorti, kif ingħad aktar il-fuq hija Qorti ta' reviżjoni. L-eżerċizzju ta' reviżjoni tagħha jistrieħ fuq dawk il-provi li jkunu tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jekk f'dak l-istadju il-prova tan-notifika, jew aħjar il-prova li kull stadju u formalita meħtieġa bil-Liġi kien ġie segwit hija nieqsa, din il-Qorti ma tistax tassumi li allura kull stadju u formalita' ġew imwetqa. Biex din il-Qorti tkun f'qagħda li tiddikjara dan, hija jrid ikollha d-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet meħtieġa li juru li dan kollu seħħ. Altrimenti din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq assunzjoni li n-notifika saret jew tistrieħ fuq email, mhux awtentikata, li tgħid li d-dokumenti tqasmu u li għalhekk ma kienx hemm ħtieġa ta' stampar tal-*abstracts*. Għalkemm din il-Qorti tifhem li l-għan tal-Avviż Legali de quo huwa wieħed intiż li jħaffef il-proċedura ta' notifika tal-atti ġudizzjarji, mill-banda l-oħra din il-ħeffa ma għandhiex imbagħad tissarraf f'nuqqas t'osservanza tar-regoli bażiċi tal-evidenza fil-qafas ta' proċeduri penali. Dak li kien meħtieġ f'dan il-każ kien li l-uffiċjali kollha adetti minn notifika iwetqu xogħolhom skont il-Liġi u li jħallu warajhom il-prova dokumentarja jew prova oħra li għamlu dan.

40. Jibqa' l-fatt li l-imputat appellant deher għas-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019 debitament assistit. F'dak il-punt l-imputat appellant jitqies li ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati – aktar u aktar meta huwa għażel li jikkontesta l-każ miġjub kontra tiegħu.

Din il-Qorti ma għandha ebda indikazzjoni jew prova ta' kif u meta l-imputat appellant sar jaf b'dawk il-proċeduri pendenti kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Iżda żgur hu li fl-4 ta' Ġunju 2019 huwa kien preżenti u sottomess għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

41. Ir-reati delittwali kontestati lill-imputat appellant huma dawk taħt l-artikoli 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali f'dak iż-żmien meta seħħ dan il-każ il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli għal dawn id-delitti kien dak ta' sentejn. Ir-reati kontestati lill-imputat appellant kienu ta' natura istantanea u kunsmat u allegatament ġew imwetqa nhar it-13 ta' Mejju 2017. Ma hemmx prova dwar meta eżattament l-imputat appellant kien ġie notifikat jew ta ruħu b'notifikat qabel id-data tas-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019.

42. Dan ifisser li l-uniku jum li fih il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, tqis lill-imputat appellant bħala li kien notifikat biċ-ċitazzjoni kien fl-4 ta' Ġunju 2019 – ċjoe oltre l-limitu tas-sentejn preskrizzjoni previst mill-Liġi għar-reati delittwali kontestati f'dan il-każ. F'dan l-isfond, l-aggravju tal-preskrizzjoni jimmerita li jiġi milqugħ. Konsegwentement il-Qorti mhix sejra tkompli bl-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-kumplement tal-aggravji imresqa.

# *Deċide*

Għall-dawn il-motivi din il-Qorti, tilqa' l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fil-konfront tiegħu nhar l-4 ta' Ġunju 2019 u tillibera lill-imputat appellant minn kull ħtija u piena u dan peress li l-proċediment penali kontra tiegħu kien estint minħabba preskrizzjoni tal-azzjoni.

***Aaron M. Buġeja***
***Imħallef***